MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 84/2015

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Sean Patrick Howes**
**ID 55404A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2015 billi s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmenin ewro u tnejn u disghin centezmu (€280.92) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40151098 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali ta' Matla u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta' Gunju, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmenin ewro u tnejn u disghin centezmu (€280.92), bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------